MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2009

Numru 193/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**
**VS**
**AARON ZAMMIT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Aaron Zammit ta’ 30 sena, iben Roger u Maria Helena nee’ Scicluna imwieled Attard fid-19 ta’ Mejju 1977, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 261577(M) u residenti ‘Il-Girna’, Triq tal-Hamrija, Marsascala.

Illi huwa akkuzat talli fit-30 ta’ Novembru 2007 ghal habta tal-11:30hrs fi Triq il-President Anton Buttigieg, fiz-Zejtun, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila jew professjoni, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, waqt li kien qed isuq vettura ta’ l-ghamla Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni EAG 468, ikkaguna offiza ta’ natura gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda

mill-idejn u f’diversi partijiet ohra tal-persuna ta’ Giuseppe Formosa miz-Zejtun skond kif iccertifikat Dr. Analise Gauci M.D. tat-taqsima intensiva ta’ l-Isptar Mater Dei.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (fol.4) u dak ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Aaron Zammit, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 226(1)(b), 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti spece tal-kaz fejn il-vittma kien qed jaqsam f’distanza konsiderevoli ‘l booghod minn *zebra crossing*, il-fatt illi l-imputat ta l-assistenza kollha mehtiega lil vittma ta’ dan l-incident u kkowopera bis-shih mal-Pulizija u mal-parte civili flimkien mal-kumpanija assiguratrici tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------